



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 18/23

il-Lussemburgu, 26 ta' Jannar 2023

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

### Sitt Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jieħdu l-impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Konformement mat-Trattati u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjonijiet tat-3 ta' Marzu, tas-16 ta' Ġunju, tas-26 ta' Lulju, tal-14 ta' Novembru u tat-13 ta' Diċembru 2022, ħatar bħala Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri lil Jorg Kristijan Petrovič, għall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju 2022 u s-6 ta' Mejju 2028, lil Stef Blok, għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Diċembru 2025, lil George Marius Hyzler, għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2028, lil Lefteris Christoforou, għall-perijodu bejn it-2 ta' Novembru 2022 u l-1 ta' Novembru 2028, lil Laima Liucija Andrikiene, għall-perijodu bejn is-16 ta' Novembru 2022 u l-15 ta' Novembru 2028, u lil Keit Pentus-Rosimannus għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2028.

Illum fl-12.00 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żammet udjenza solenni li matulha Jorg Kristijan Petrovič, Stef Blok, George Marius Hyzler, Lefteris Christoforou, Laima Liucija Andrikiene u Keit Pentus-Rosimannus ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

